# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tielet laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## 1. Talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tieni laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 3 ta' Ġunju 2015.

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Is-Sur Jean Paul Zammit talab sabiex fil-Minuti taħt is-suġġett mistoqsijiet u kummenti jizdied li huwa ressaq proposta lill-Kunsill biex is-Sur George Grima b'xi mod jiġi kkommemorat għax-xogħol li wettaq fil-Lokalita' bħala Superjur taċ-Ċentru Ewkaristiku. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

2.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet jew kummenti jew emendi fuq il- minuti. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova dawn il-minuti kif emenmdati. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il- Vot kien unanimu.

## 3. *Komunikazzjni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ma kellhu l'ebda komunikazzjoni x'jgħaddi lill-membri prezenti.

## 4. *Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mil-4 ta' Ġunju sat -3 ta' Lulju 2015.*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li jaċċetta li jagħmel servizz ta' reklamar fuq il-ktieb tal-festa tas-Soċjeta' Muzikali Banda Marija Regina skond it-talba ta' l-istess Kazin permezz ta' korrispondenza bla data li ntbgħatet lill-Kunsill. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb biex tara fejn tinsab din in-niċċa u tagħmel referenza għall-korrispondenza mibgħutha mill-Għaqda Storika Kulturali Marsa.

4.3 Is-Sur Dominic Spencer nforma lill-membri tal-Kunsill li erba' membri mill-Assocjazzjoni tal-Marsa Bridgwater Twinning Forum ikkonfermaw li ser jkunu Malta bejn it-3 u l-10 ta' Settembru 2015.

4.4 Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex kull talba li l-amministrazzjoni tal-Kunsill tkun talbet u ġiet approvata mill-Enemalta għal lampa ġdida tiġi nstallata minnufih. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 5. *Schedule of Payments 7/15*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għal ħlasijiet tagħhom kif ippreżentati. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. *Purchase Order 4052 - 4065*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 4052 - 4065 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *7. Purchase Request 3035 - 3047*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 3035 sa 3047 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Frank Zammit daħal fis-Sala fis-sitta nieqes kwart ta' filgħaxija (5.45pm)

## *8. Financial Commitment Report Jannar – Marzu 2015*

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tar-rapport kif ippreżentat u wara li ħadd mill-membri ppreżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuq ir-rapport is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li jiġi approvat kif ippreżentat. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *9. Financial Commitment Report April – Ġunju 2015*

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tar-rapport kif ippreżentat u wara li ħadd mill-membri ppreżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuq ir-rapport is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li jiġi approvat kif ippreżentat. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Servizz ta' Night Safe*

10.1 Fuq talba ta' l-Amministrazzjoni tal-Kunsill, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill jagħmel uzu mis-servizz ta' night safe mall-BOV li għaliha jkun responsabbli is-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-vot kien unanimu.

## *11. Tkomplija ta' bankina fi Triq Nerik Sacco*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li jitkompla x-xogħol fuq il-bankina ta' Triq Nerik Sacco li l-istima tagħha hija ta' madwar sbatax il-elf ewro (€17,000). Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Tkomplija ta' bankina fi Trejqet il-Qaddiefa*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li jitkompla x-xogħol fuq il-bankina ta' Trejqet il-Qaddiefa li l-istima tagħha hija ta' madwar ħames t'elef ewro (€5,000). Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Nominazzjonijiet għal Ġieħ il-Marsa*

13.1 Fuq talba li l-Kunsill irċieva mill-Marsa Scouts Group sabiex il-Kunsill jikkunsidra n-nomina tas-Sur Antoine Vella minħabba li din il-persuna hija idonja għal dan il-ġieħ wara li għal zmien twil kien offra s-servizzi tiegħu ma diversi għaqdiet lokali b'mod speċjali mall-Marsa Scouts Group. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill għandu jaċċetta u ppropona li l-Kunsill jagħti Ġieħ il-Marsa lis-Sur Antoine Vella. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

13.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippropona lis-Sur Norbert Attard. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li dan is-suġġett jiġi diskuss aktar il'quddiem. Il-Vot kien unanimu. Barra minhekk il-Viċi Sindku ppropona li titwaħħal plakka fejn jitnizzlu l-ismijiet ta' dawk il-persuni li tiġa ingħataw Ġieħ il-Marsa u jibqagħu jitnizzlu dawk li ser jingħatalhom dan il-Ġieħ fil-futur. Is-Sindku qal li jaħseb li ħadd mhu kontra ta' din il-proposta izda jaħseb li wieħed irid jara din il-plakka fejn tista' titwaħħal fil-bini tal-Kunsill.

## *14. Talba għal tappieri tal-Festa*

14.1 B'referenza għall-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat tal-Festi Esterni Marija Regina fejn talbu li l-Kunsill jagħti servizz sabiex isiru madwar għoxrin toqba sabiex ikunu jistgħu jarmaw l-arbli tal-Festa. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta din it-talba u jiġi ngaġġat is-Sur Mario Mallia billi kien tiġa għamel dan ix-xogħol b'reqqa kbira fil-passat fit-toroq tal-Lokalita'. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *15. Stampar tal-Mappa tal-Marsa*

15.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerta għal stampar sabiex ikun jaf kemm tiġi l-ispiza għal: 5000 , bejn 5000 – 10000, bejn 10000 – 15000 u minn 15000 il'fuq kopja ta' din il-mappa.

15.2 Is-Sindku talab wkoll sabiex l-Amministrazzjoni tal-Kunsill tingħata kopja ta' din il-mappa għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex jekk hemm bzonn ta' aġġustamenti jew zieda fil-materjal dawn jkunu jistgħu jibgħatu l-proposti tagħhom qabel ma tinħareġ is-sejħa għall-offerta ta' stampar. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

15.3 Is-Sur Frank Zammit saqsa jekk hux possibbli li fuq il-mappa issir QR Code biex tkun tista' tinqara minn fuq apparat elettroniku.

## 16. *Deċiżjoni fuq Tender Klm 01/15 – Street Cleaning Services*

16.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono pprezenta l-iskeda ta' l-offerti bil-prezzijiet li kull Kuntrattur poġġa għad-dispozizzjoni tal-membri prezenti.

16.2 Wara diskussjoni fil-Kunsill is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kuntratt imsemmi jiġi mogħti lil Waste Collection Ltd liema offerta hija orħos mit-tieni offerta pprezentata mit-tieni kuntrattur is-Sur Paul Deguara.

16.3 Il-Kunsill iddeċieda li l-Kuntrattur Waste Collection Ltd għandu jibda dan is-servizz bi tlett kenniesa u wara li jibda dan is-servizz il-Kunsill jista' jikkonsidra skond il-ħtieġa jekk izidx in-numru tal-kenniesa. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-vot kien erbgħa favur u wieħed astjena.

## 17. *Deċiżjoni fuq Tender Klm 02/15 – Street Sweeping in Racecourse Area*

17.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono poġġa għad-dispozizzjoni tal-membri prezenti l-iskeda ta' l-offerti tal-kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom.

17.2 Is-Sindku qal li skond informazzjoni li ġab minn Kunsilli Lokali oħra jidher li s-Sur Wilson Mifsud f'isem il-kumpanija WM Environmental Ltd kellu diversi default notices matul is-snin u għaldaqstant il-Kunsill m'għandhux jikkunsidra l-offerta tiegħu favorevolment.

17.3 Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett is-Sur Dominic Spencer ippropona li dan il-Kuntratt jingħata lis-Sur Paul Deguara allavolja hija l-għola offerta, dan għaliex kull meta l-Kunsill għazel l-orħos offerta għal dan is-servizz dejjem swielu agħar u dejjem is-servizz kien inferjuri u mhux dak misthoqq lir-residenti ta' din iz-zona. Jidher li kull darba li ntalab jagħmel dan is-servizz b'mod temporanju s-Sur Paul Deguara is-servizz kien wieħed eċċellenti u l-ilmenti f'din iz-zona ġew eliminati u għaldaqstant qed jitlob f'ġieħ ir-residenti sabiex din iz-zona tinzamm kif misthoqq u jiġi mogħti dan il-kuntratt lill-Paul Deguara. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien tnejn favur, tnejn kontra u wieħed astjena. Is-Sindku uza l-casting vote li kien favur din il-mozzjoni . Il-mozzjoni għaddiet bi tlett voti favur, tnejn kontra u wieħed astenzjoni.

## 18. Deċiżjoni fuq Tender Klm 03/15 – Cleaning and Attendance of Public Conveniences in an Environmentally Friendly Cleaning Manner

18.1 Wara diskussjoni fil-Kunsill dwar l-offerti skond l-iskeda pprezentata bil-prezzijiet tal-kuntratturi li tefgħu l-offerti, s-Sindku ppropona li din l-offerta tingħata lis-Sur George Axisa għal erba' snin u dan minħabba l-fatt li apparti li l-offerta hija ġustifikabbli l-offerta tas-Sur Jeffrey Baldacchino hija wisq irħisa u jista' jkun hemm element ta' xogħol bil-prekarjat u l-Kunsill għandu direttiva ċara biex ma jaċċettax tali offerti li meta jkunu ikkalkulati l-ħinijiet li huwa obbligat jiddedika fil-latrina tal-Pont ta' San Tumas jista' jirrizulta f'xogħol bil-prekarjat. Is-Sur Frank Zammit issekonda . Il-vot kien erbgħa favur u wieħed astjena. Is-Sur Dominic Spencer qal li huwa qed jastjeni għax finanzjarjament it-tieni offerta hija vijabbli għal Kunsill, apparti l-fatt li dan l-individwu ħoloq xogħol għalih stess u allura ma jara xejn irregolari.

## 19. Twegibiet għall-mistoqsijiet prezentati mill-Kunsilliera

19.1 Ħadd mill-membri prezenti ma kellu mistoqsijiet.

## 20. Aġġornament tal-Laqgħa

20.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 5 ta' Awwissu 2015 fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa w nofs ta' filgħaxija (7.30pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv